31982D0269

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-26 ta' April ta' l-1982
dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni ta' Protokolli fir-Renju ta' l-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera li temenda l-Ftehim ta' koperazzjoni fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kontrollat u l-fiżika tal-plażma

(82/269/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kunsidra l-abbozz mogħti mill-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni, in-konformità mad-direttivi mill-Kunsill, innegozjat il-Protokolli li jemendaw il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn l-Isvezja u l-Isvizzera fl-oqsma ta' fużjoni termonukleari kontrollata u fiżika tal-plażma;

Billi b'konsegwenza huwa xieraq li tkun approvata l-konklużjoni mill-Kummissjoni ta' dawn il-Protokolli,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni tal-Protokolli mar-Renju ta' l-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera li temenda l-Ftehim ta' Koperazzjoni fl-oqsma ta' fużjoni ta' termonukleari kontrollata u fiżika tal-plażma hija hawnhekk approvata.

It-test ta' dawn il-Protokolli huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' April ta' l-1982.

Għall-Kunsill

Il-President

L. TINDEMANS